MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1908/2002

**Avviz Numru 1908/02 AJD**
**Inepal Limited**

**vs**

**Noel Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sebgha u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm137.25) rapprezentanti prezz ta' accessorji tal-fotografija mibjugha u kkonsenjati mis-sojeta' attrici lil-konvenut skond l-invoice numru 01187 datata 9 ta' Lulju 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tadl-29 ta' Mejju 2002 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-*invoice* sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Carlo Vigna in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u sebgha u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm137.25), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**